Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,740, 23 ta' Novembru, 2021
Taqsima B

A.L. 456 tal-2021

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)

Regolamenti tal-2021 dwar il-Pubblikazzjoni Online ta' Sentenzi tal-Qorti (Protezzjoni tad-Data) Għoti ta' Funzjonijiet

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 57 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Ministru għall-Ġustizzja u l-Governanza għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 dwar il-Pubblikazzjoni Online ta' Sentenzi tal-Qorti (Protezzjoni tad-Data) Għoti ta' Funzjonijiet.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti kwalunkwe referenza għad-Direttur Ġenerali (Qrati) għandha tinkludi referenza għall-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati kif awtorizzat biex iwettaq il-funzjonijiet legali tad-Direttur Ġenerali (Qrati) skont l-artikoli 3(i) u 6 tal-Ordni għat-Twaqqif tal-Aġenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati.

L.S. 595.34.

Għoti ta' setgħat, dmirijiet u funzjonijiet fuq id-Direttur Ġenerali (Qrati). Kap. 586.

3. Id-Direttur Ġenerali (Qrati) għandu, soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*, ikollu l-funzjoni u s-setgħa li jiddetermina jekk persuna għandhiex raġunijiet validi biex teżerċita d-dritt ta' tħassir ta' data personali fir-rigward tal-kontenut ta' sentenza tal-qorti ppubblikata online fuq is-sit web tal-Aġenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati.

Mod ta' eżerċizzju tad-dritt ta' tħassir.

4. Id-dritt ta' tħassir ta' data personali minn sentenza tal-qorti ppubblikata fuq is-sit web tal-Aġenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati għandu jingħata effett jew billi tiġi anonimizzata s-sentenza jew kwalunkwe parti minnha jew billi titneħħa s-sentenza mill-imsemmi sit web.

Diskrezzjoni tad-Direttur Ġenerali (Qrati).

5. Id-Direttur Ġenerali (Qrati) għandu d-diskrezzjoni li jiddeċiedi dwar applikazzjoni għall-eżerċizzju tad-dritt ta' tħassir ta' data personali minn sentenza tal-Qorti ppubblikata fuq is-sit web tal-Aġenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati.